MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2007

Numru 1295/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**GRACE GATT NEE' BARTOLO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Grace Gatt nee' Bartolo ta' 38 sena, bint Paul u Rita nee' Mifsud, imwielda Victoria, Ghawdex, fil-25 ta' Settembru 1968, residenti f' 'Oryana', Triq Leli Falzon, Naxxar, u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 34568(G) giet akkuzata talli:

F'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta' Mejju 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-

istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, haddmet agenzija ta' gwardjani privati bi ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-*Att dwar Gwardjani Privati u Lokali*, Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ta' xi licenza mahruga bis-sahha tieghu;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, haddmet jew kienet impjegata bhala gwardjan privat bi ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-*Att dwar Gwardjani Privati u Lokali,* Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ta' xi licenza mahruga bis-sahha tieghu;

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, filwaqt li kienet ufficjal jew impjegat pubbliku, ghamlet reati li hi kellha tissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga taghha kellha id-dmir li timpedixxi.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok AG3 u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tal-lum, l-imputata, fl-ezami taghha, wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u tatha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghall-oggetti presentati llum u markati bhala minn Dok AG6 sa Dok AG15 u minn Dok PCP1 sa Dok PCP5, iddikjara li tenut kont li dawn huma oggetti ta' natura sensittiva u jirrigwardaw terzi persuni, talab li l-Qorti fis-Sentenza taghha, oltre li tordna l-konfiska ta' tali oggetti msemmija tordna wkoll id-distruzzjoni ta' dawn l-oggetti.

Innutat ukoll li Dr Gavin Gulia ghall-imputata iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li ma joggezzjonax ghat-talba tal-Ufficjal Prosekutur.

Semghet sottomissjonijiet dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat l-artikoli 25(a) u (b) tal-Kap. 389 u l-artikoli 18, 23, 31 u 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Grace Gatt nee' Bartolo, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali netta tal-imputata u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Grace Gatt nee' Bartolo ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) millum l-imputata Grace Gatt nee' Bartolo tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti, wara li qieset it-talba tal-Ufficjal Prosekutur maghmula fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-Qorti fis-Sentenza taghha, oltre li tordna l-konfiska tal-oggetti presentati llum li gew markati bhala minn Dok AG6 sa Dok AG15 u minn Dok PCP1 sa Dok PCP5, tenut kont li dawn huma oggetti ta' natura sensittiva u jirrigwardaw terzi persuni, tordna wkoll id-distruzzjoni ta' dawn l-oggetti, il-Qorti tipprovdi ghal din it-talba billi bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska u wkoll id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala minn Dok AG6 sa Dok AG15 u minn Dok PCP1 sa Dok PCP5 u ghal

fini ta’ tali distruzzjoni tinnomina lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jaghmel tali distruzzjoni, liema Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ghandu wara li ssir tali distruzzjoni jippresenta Rapport in rigward fir-Registru ta’ din il-Qorti sabiex ikun inserit fl-atti ta’ din il-kawza.

Il-Qorti qed taghti lill-imputata Grace Gatt nee’ Bartolo l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tordna li r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali jkun notifikat b’kopja ta’ din is-Sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------